A.L. 530 ta' l-2004

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 52B u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 267 ta' l-2004.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Mejju, 2004.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok is-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:–

"(1) Id-Direttiva 2003/49/EEC tat-3 ta' Ġunju, 2003 adottata mill-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal ħlasijiet ta' mgħax u *royalties* magħmulin bejn kumpanniji assoċjati ta' Stati Membri differenti kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/76/EC tad-29 ta' April, 2004 dwar il-possibiltà li xi Stati Membri japplikaw disposizzjonijiet transitorji għall-applikazzjoni tas-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal ħlasijiet ta' mgħax u *royalties* magħmula bejn kumpanniji assoċjati ta' Stati Membri differenti, hawn iżjed 'il quddiem f'dan ir-regolament msejħa "Direttiva dwar Imgħax u *Royalties*", għandu jkollha effett għar-rigward ta' l-Atti dwar it-Taxxi.".